**<u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>**

**<u>CHAIRPERSON: Dr. Yana Micallef Stafrace</u>**

**Decizjoni Numru: 2269**

Kaz Nru: 2997/YMS

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn:-

Philip Camilleri

vs

Bortex Clothing Industry Co Ltd.

Illum: It-Tnejn, 3 ta' Frar, 2014

**It-TRIBUNAL**

I PRELIMINARI

1. Dan il-kaz jirrigwarda li dak Philip Camilleri, Rikorrent, indika bhala "constructive dismissal" mill-impieg li kellu mall-kumpanija Ntimata.

2. Ir-Rikorrent fisser hekk fir-Rikors prezentat fil-21 ta' Frar, 2012:-
   i) Kien ilu jahdem mall-kumpanija Ntimata ghal 21 sena, l-ahhar 12-il sena bhala Purchasing Manager.
   ii) F'Novembru 2011 gie ordnat jiehu hsieb, b'mod permanenti, r-"raw material warehouse" fit-Tunezija
   iii) Ma xtaqx jittrasferixxi ruhu kwazi permanentament fit-Tunezija. Anke ghax il-pozizzjoni kienet tirrikjedi "more than a full-time job" oltre li l-pozizzjoni li ga kellu kienet "more than a full-time job".
   iv) Rinfaccjat b'din l-attitudni tar-Rikorrent, il-General Manager qallu li kien ser ibati l-konsegwenzi.
   v) Bhala konsegwenza, hu gie "constructively dismissed" u rrizenja hu stess mill-pozizzjoni tieghu li kienet saret "untenable".

3. Hawn ir-Rikorrent ghadda biex ressaq TALBA lit-TRIBUNAL biex jiddikjara li r-rikorrent kien gie "constructively dismissed" mill-impjieg tieghu u jinghatalu kumpens pekunjarju skond il-ligi.

4. Fir-RISPOSTA tas-Socjeta' Ntimata nsibu hekk:

(i) Ir-Rikorrent irrizenja minn jeddu fil-5/12/11 u ma kien hemm ebda *constructive dismissal.*

(ii) Xoghol is-socjeta' jitlob safar ghax il-produzzjoni kellha ssir ghall-esteru, principalment it-Tunezija. Dan japplika ghall-*management* kollu u mhux kaz ta' "*more than a full-time job*" kif allegat. Qatt ma kien kaz ta' trasferiment kwazi, permanenti. Safar ghal ftit jiem kull sitt gimghat ghall-bidu, inqas minn hekk aktar tard.

(iii) L-intimat irrifjuta jaghmel xoghol fit-Tunezija u esprima sentimenti razzisti (ara *email* tad-29.11.11 – Dok BC141).

(iv) Minkejja dan, is-Socjeta' ppruvat tilhaq xi arrangament mar-Rikorrent (ghalkemm gie ndikat li dan it-tibdil sata jkollu xi konsegwenzi) izda r-Rikorrent ftit jiem wara rrizenja minn jeddu.

5. Finalment is-Socjeta' qalet li t-TALBA hi ngustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

II PROVI

1. Din li gejja mhiex xi riproduzzjoni *in extenso* tax-xhieda mressqa quddiem it-TRIBUNAL. Qed jingiebu xi punti ewlenin, izda mbaghad wiehed irid iqis dak kollu li hemm fil-process.
2. Ir-Rikorrent <u>Philip Camilleri</u> meta xehed fis-17.4.2012 qal li fis-sena 1991 beda mall-Bortex bhala *sales officer* u targa targa tela' sa *purchasing managaer* – kariga li okkupa fl-ahhar tnax –il sena. Sal-2004 ix-xoghol kollu kien isir Malta izda kien isiefer ghall-fieri. Meta nfethet fabbrika fit-Tunisija kien jaghmel zjarat hemm. Meta l-fabbrika bdiet fl-2004 topera wkoll mic-Cina, kellu jibda jkun hemm. Kien jidhol ukoll "f'dettalji ta' planning, shipping, logistika, you name it, accounts." Xoghlu ghamlu dejjem minn qalbu. Gieli hadem Sibtijiet u anke xoghol mid-dar. <u>Kuntratt miktub qatt ma kellu.</u>
3. Tant kien jahdem qisha l-kumpanija tieghu li qatt ma basar li kien ser jispicca kif spicca. Hawn elabora sew fuq qisu *background* qabel gie ghall-grajja li wasslet ghal dan il-process.
4. Spjega li bhalissa il-fabbrika tal-Bortex hi fit-Tunesija u Malta hemm il-Head Office biss. Hu kellu jmur hemmhekk u ghamel rapport dwar x'sab. Hawn hu nforma lis-superjuri tieghu li kien qed ikollu xoghol aktar minn *a full-time person* u mhux semplici zieda malli kellu u li ga kien jitlob sieghat extra. Fit-Tunesija kien inkarigat mill-*general warehouse* tar-*raw materials* kollha. Ghalhekk kien irid ikun prezenti fizikament ghax-xoghol f'Malta u fit-Tunesija.
5. Barra dan, dwar it-Tunesija "assolutament ma nistax niffittja mall-kultura, mall-uzanzi tal-ikel li ghandhom, mall-mod dizordni li hemm, u jien bhala bniedem dixxiplinat u awtokritiku ma nista' qatt naccetta li nghix f'dan il-pajjiz, mhux li nghix, li nzuru ta' spiss biex inkompli niddeliverja fix-xoghol

tieghi. U allura ghamiltha cara, ghidtilhom isma' jien ma jista' jkun qatt li niffittja hemmhekk".

6. Ir-reazzjoni tas-superjuri kienet li xxukkjaw ruhhom. Hu qallhom li kien lest ikompli maghhom u "r-risposta kienet li l-esigenza tal-kumpanija hi din...". Hu nsista li le u qalulu li ma kienx hemm triq ohra li jbati l-konsegwenzi "kelma li wegghetni u urtatni.". Dan qalulu Peter Borg, direttur. Ma spjegalux izjed. Hawn bdew jindirizzawh ripetutament bhala "sales director". Hassu umiljat u b'sens ta' rgulija, minn jeddu ta r-rizenja tieghu. Din accettawha bil-herqa ghax wara erbat ijiem biss deher avviz ghall-post battal.
7. Ir-rizenja baghtha b'*email* interna. Kellu tliet xhur *notice*. Wara xi tliet gimghat li beda ghaddej in-*notice* gie avvicinat mis-Sales Director. Ir-Rikorrent wera d-dispjacir tieghu u ha attitudni rikonciljattiva. Min-naha tad-Director insista li l-pozizzjoni kienet dik li kienet, pero' maz-zmien sata jkollu persuna tassistih fix-xoghol ta' Malta. Ghalih din ma kienetx taghmel sens ghax fl-esperjenza li bena f'diversi oqsma matul is-snin ma kienx facli li ssib bniedem "u *overnight* tghidlu issa inti ibda rriplejsja lili l-kariga gdida, no way, no".
8. Hu habrieki u l-ghada li spicca minn mall-Bortex beda xoghol iehor li mhux kumparat ma' dak li kellu qabel ghax finanzjarjarment mar lura mhux ftit. Minn mall-Bortex spicca b'salarju ta' €450 fil-gimgha netti. Fl-impjieg il-gdid ghandu €300 f.g. gross. Hawn spjega kif lill-Bortex kien attent li jiffrankalha flus u jigbed favurha kull fejn jista' u b'hekk "il-paga tieghi issussidjajtha ghal darba, darbtejn."
9. Meta xehed fl-udjenza tal-15.5.2012 qal li hu wara sitt xhur *probation* qalulu li kien sar tal-fiss, wara li ghalaq 21 sena. Sa fejn jaf hu, l-operat tal-Bortex kien Malta biss. Qatt ma mponewlu safar izda ghax kien interessat fl-azjenda qatt ma rrifjuta safar. Tennew jibghatuh isiefer, ghax kien success. Qal li l-impjegati kienu flessibbli u bhalu kienu jsiefru mpjegati ohra. Il-logika kienet tghidlu li fit-Tunezija kien hemm htiega ta' bniedem *full time*. Kien hemm Tunezin li wara hafna zmien telaq u mbaghad giet tfajla zghira u hu fittex li jharrigha izda ma titghallimx mil-lum ghall-ghada.
10. Dwar allegazzjoni ta' razzizmu min-naha tieghu, r-Rikorrent qal li kien ikun razzist kieku ried imur f'Tunesija u jimponi xi haga li tmur kontra l-kultura taghhom. Bhala persuna dixxiplinata hu normali li tkun organizzat fix-xoghol. Hu kien jipprova jghallimhom izda kellhom mentalita' li jaslu sa certu livell. Fic-Cina, fejn hu mar, tara d-differenza. Bniedem "ghallimtu daqshekk u ghamillek id-doppju u t-tripplu, jigifieri dawn affarijiet ta' kultura qisu". Il-pajjiz mahmug u ghamel zmien itella l-ikel mieghu ghax l-ikel taghhom kien jaghmillu l-hsara. Il-kollegi tieghu gieli tkellmu mieghu ukoll. Irrifera ghal Andre' Borg li kiteb rapport u tah kopja. (Dan id-Dokument hu anness max-xhieda tal-15.5.2012. flimkien ma' ritrtti – PC1-6). Juri x'sab fil-*Lining Section u Store.* Ir-rapport datat 3.11.2011 hu minn dan Andre' Borg lil Peter Borg u kupjat lil Joe Cachia, Sandra Borg u Philip Camilleri.
11. Ir-rikorrent cahad li s-Socjeta' ppruvat tohloq xi arrangament mieghu. Irrifera ghal Dok BCIL. F'dan id-dokument datat 29.11.2011, insibu lil Philip Camilleri, jghid lil Peter Borg, *inter alia* , hekk:

    *I personally never fancied Tunisia as a country or its people.*

*Such a stores duty definitely needs my physical presence on the spot.*
*I am not willing to do this; I am a very organized and self-disciplined person and I simply cannot accept to live in such a dirty environment along with people who surely cannot fit with my way of thinking and behaviour.*

*Each time I visit the place I get mentally, emotionally and physically sick.*

*I feel insulting my own self and downgrading my very own living status.*

*Sorry but I cannot accept such a situation at all cost.*

Attwalment din kienet it-tieni raguni ghala ma setax jaccetta li jaghmel ix-xoghol fit-Tunesija u giet hawn migjuba kelma b'kelma. Hi preceduta minn raguni ohra li, fis-sustanzi tghid li hu ma setax jiehu hsieb zewg *areas*.

12. Dwar id-dikjarazzjoni tal-Bortex li hu ma kienx ser jigi trasferit kwazi permanentement imma biss isiefer ghall-ewwel ghal ftit granet kull sitt gimghat, imbaghad inqas minn dan, qal li hu kien mar u ra b'ghajnejh li l-logika kienet tghid li dan ma setax isir.
13. Hu kien gie avvicinat mis-sales director kif ukoll mill-Financial Controller u qalulu jerga' jahsibha u "ftakar li ghandek il-familja u whatever". Qalulu "...m'hemmx triq ohra, l-esigenzi tal-fabbrika, tal-kumpanija huma dawk li huma issa u minnek hekk qed nitolbu li jsir."
14. Xi jumejn wara li kiteb l-ittra u ghamel hsiebu car, assenjaw id-*duty* lil Lino Desira. Spjega wkoll li huma kellhom "purchasing department" wiehed. Hu kien assenjat fl-*area* tal-*fabrics* u Rachel Zammit kellha *area* ohra. Kienu jghidulhom li kienu l-pilastri tas-Socjeta'. L-episodju kollu kien ghalih trauma.
15. In kontro-ezami qal (seduta, 12.6.2012) li edukazzjoni kellu *up to form 5 level* u mbaghad it-*technical knowhow* bnieh mil-lant tax-xoghol. Qabel il-Bortex, kien *shipping clerk* ma' Maco Garments Ltd. Xoghlu kien ix-*shipping.* Mall-Bortex dahal bhala *salesperson* principalment. L-ewwel esperjenza fis-*sales u purchasing* hadha mill-Bortex. Fl-2000 iccaqlaq mis-*sales* ghall-*purchasing* – *Purchasing Manager* jirraporta lis-*Sales Director*. Hu tahtu kellu tfajla. Kellu zieda fil-paga darba meta sar Manager u meta saret ristrutturazzjoni naqqsulu l-paga. F'xi zmien kien *Purchasing Manager* u kien jixtri tessuti, buttuni, ecc. Dana ghax sa dak iz-zmien il-klijent kien jibghat id-drapp hu u mbaghad hadu xejra ohra. Zdied ix-xoghol u ddahhlet it-tielet persuna. Ix-xoghol zdied bil-qawwi u ghadda biex jixtri *fabrics* biss. Spicca biex it-tnejn l-ohra ma baqax jikkontrollhom hu. Gew taht is-*Sales Manager*. Kien hu pero' li kellu diffikulta' ma' wahda mit-tfajliet Rita Cutajar li kienet tiehu hafna *sick leave* u jbati hu.
16. Meta dahal mall-kumpanija xi 95% tal-produzzjoni kienet issir Malta imma tmur barra minn Malta. Fil-bidu s-safar kien mill-*management.* Meta l-kumpanija bdiet tipproduci fic-Cina hu kien diga' *manager* fil-*purchasing.*
17. Ir-Rikorrent qal li fehem anzi "xpruna" li l-Bortex tqis li l-*production costs* f'Malta kienu gholew u s-suq mondjali kien qed jimxi lejn il-Lvant. Ma qabilx

li bilfors kellek tmur b'kollox hemm. Il-*costs* f'Malta zdiedu u kien imiss lill-*management* li jara kif jadatta ghas-sitwazzjoni. Qabel li biex il-personnel imur ic-Cina kienu nvoluti spejjez u allura darba li jkunu hemm kienu jridu jatu kas ta' hafna affarijiet. F'dan hu kien jikkopera.

18. Meta r-Rikorrent gie mistoqsi dwar li ripetutament kien ikollu *clashes* ma' l-impjegati, kien wiegeb: mhux kulhadd ikollu *clashes*? *Clashes* normali. Ix-xhud irrezista li jwiegeb fuq il-frekwenza taghhom. Ma jafx li kien hemm min telaq mix-xoghol minhabba dawn l-incidenti.
19. Mistoqsi jekk Peter Borg kienx qallu li hu kellu hafna kwalitajiet tajbin imma gibidlu l-attenzjoni dwar kif jitratta man-nies, wiegeb li iva, izda dan kien jaghmlu ghax ma kienux isegwu li jghidilhom. Mas-superjuri kien ikollu "kwistjonijiet u *misunderstandings*, ghax *clashes* meta inti tmur *all out* u tikkonfronta lil xi hadd". Mall-klijenti hu kien ifittex l-interessi tal-kumpanija. Kienu kazi izolati biss fejn kien ikollu kwistjoni ma' *suppliers* u dawn izommu id-*delivery*. Veru li Peter Borg kien jghidlu biex jiehu l-affarijiet b'aktar kalma.
20. Qabel li hu bena statistika matul is-snin, jum b'jum, ta' affarijiet konnessi max-xoghol u zammha ghalih bla permess tal-Bortex u hekk sata juzaha ghall-kaz tieghu.
21. Hu gie ulterjorament kontro-ezaminat fl-udjenza tat-28.6.2012 u beda biex qabel li meta kien semma tnaqqis fis-salarju, li gara kien li ghall-*managerial staff* kollu kienu tnehhew l-*overtime rates* u minflok dahlet forma ta' *allowance.*
22. Dwar it-Tunezija, qabel li billi l-operat issa ma bediex isir Malta, hemmhekk bdew imorru mhux membri tal-*managerial staff* biss. Il-bidla fis-sitwazzjoni giet ghal kulhadd. Qabel li f'certu zmien kienu qed jirrifaccjaw problemi hemmhekk u dana ghax min kien inkarigat minn l-istore t'hemm u jtihom *feedback* (Rachid) ghal xi raguni tkecca jew telaq. Mistoqsi din is-sitwazzjoni gietx rinfaccjata minn kulhadd, qal li ma jaqbilx. Hadd ma mar Tunez kif mar hu (Hawn issemmew b'dettall, hafna nies, li dwarhom ikun ahjar li wiehed ihares lejn ix-xhieda). Darba li telaq minn mall-Bortex ma jafx x'gara wara.
23. Qabel li offrewlu li jassistuh u jdahhlulu assistent u b'hekk anke jonqoslu s-safar, izda zied li "mhux ser iddahhal lil xihadd *overnight*". L-offerta saritlu minn Peter Borg. Izda spicca biex irrizenja. Hu semma rizenja drabi qabel ukoll.
24. Qabel li Peter Borg kien qallu li allahares dak li qal fl-*email* dwar it-Tunezini jaqa' f'idejhom. Qabel ukoll li Peter Borg kien qallu biex dwar ir-rizenja jahsibha.
25. Minnu li l-kumpanija qaltlu jibqa' sakemm irid u li ma kienux ser jorbtuh b'*notice.* Sahansitra qalulu li kienu jippreferu li jibqa' aktar biex irawwmu lill-haddiehor. Telaq xi gimgha qabel spiccalu n-*notice.* Kien il-Hamis u t-Tnejn ta' wara beda mpjieg iehor.
26. Wara x-xhieda tal-*management* ir-Rikorrent rega' xehed fl-udjenza tal-15.5.2013 u ta dettalji dwar safar fit-Tunezija u aktar, u li speci ta' nsistenza tal-*management* li jibqa'.
27. Min-naha tal-*management* beda biex jixhed Lino Spiteri li ilu nvolut mall-Bortex mill-1990 u l-ahhar sitt snin bhala *chairman* mhux esekuttiv (ghalkemm

dan hu x-xoghol primarju tieghu) u ta dettaljat dwar l-operat tal-kumpanija mindu kien involut hu 'l hawn. Kienet wahda mill-kumpaniji ewlenin tat-tessuti f'Malta sa ma l-kompetitivita' taghha bdiet tonqos. Fethu kumpanija t-Tunezija u taw ukoll ordnijiet ic-Cina sa ma tat-Tunezija saret l-impjant ewlieni taghhom u f'Malta baqa' biss il-"mohh" tal-kumpanija. Maz-zmien kulhadd kellu jkun izjed "hands on" it-Tunezija u hu stess giet li mar hemm b'ghadd ta' nies tal-post jahdmu maghhom. Dawn "nies li jitghallmu" izda jridu jghallmuhom u din kienet it-trasformazzjoni. F'Malta spiccaw bin-"knowledge based activities" u dawn anqas hawn Malta biss. Jekk ma jkunux kompetittivi mit-Tunezija anke l-kumpanija ta' Malta jkollha tispicca. Il-htiega tiddetermina x'taghmel, anke t-tul u frekwenza tal-personnel Malti fit-Tunezija.

28. Il-fatt li naqas ix-xoghol minn Malta u wara mic-Cina kien ifisser li fil-karigi kollha wiehed kien jehtieglu jaghmel xoghol u hinijiet u safar skond il-htiega. L-istess Managing Director imur regolarment Tunez.

29. Hu jattendi xi 20 siegha fil-gimgha u jkun jaf prattikament kollox xi jkun ghaddej. Apparti rqaqat, ihabblu rashom ma' xulxin, il-*managing director, sales marketing, director* u jkun involut ukoll il-*financial controller*. Fic-*chairman's meeting* li kien jaghmel, kien jattendi fost l-ohrajn ir-Rikorrent, li kien jaghti kontribut tajjeb. Bil-kaz prezenti kien jaf mill-ewwel ghax l-ittra tar-Rikorrent lill-Managing Director, dan urihielu mill-ewwel.

30. L-ittra kienet fil-kuntest li kien intqal lir-Rikorrent li jrid isiefer ghal xi gimgha kull hames gimghat, haga mhux mitluba mir-Rikorrent biss. L-ittra BCILI lilu ssorprendietu ghal zewg punti. Kien hemm il-punt <u>manigerjali</u>. Fil-kuntest tas-sitwazzjoni kif kienet ma setax ikun li membri ta' l-istaff ma jkunux iridu jmorru t-Tunezija. Hawn huma offrew assistenza lir-Rikorrent. Kien hemm imbaghad barra l-punt manigerjali, dak tar-<u>razzizmu.</u> Dan kien ghal kollox inacettabbli. Ix-xhud qal li qies din ir-reazzjoni bhala "genwina" u mhux sempliciment biex ir-Rikorrent jehles milli jmur it-Tunezija. Hawn si tratta ta' xi 500 impjegat u xi €14,000,000 produzzjoni. Ix-xhud zied jispjega kif hu kien imur tajjeb mat-Tunezini. (Hawn ix-xhud ta' certi dettalji). Ix-xhud osserva li r-Rikorrent m'uzax il-kelma "jaqq" imma dak li kien qieghed jghid. Wara li spicca l-attur, xoghlu baqa' jsir.

31. Ix-xhud ma kellimx personalment lir-Rikorrent. Gara li waqt li qed ihejji risposta bil-miktub, gew mgharrfa li s-superjuri kienu kellmu lir-Rikorrent u r-reazzjoni tieghu kienet li assolutament ma riedx jirtira minn dak li kien kiteb u giet l-ittra tar-rizenja. Esprima l-fehma li dak li r-Rikorrent kiteb dwar it-Tunezini kien azzjonabbli ghax kien razzista. Huma hasbu biex jaraw kif jaslu mar-Rikorrent imma dik li hu ma riedx jahdem "ma' dawn in-nies" kienet tfisser li ma kienux ser jaslu. Huma ma xtaqux jghidulu: daqshekk; ma xtaqux jitilfuh. Izda x-xoghol kien "inerentement jitlob li jrid jaghmel xoghol barra minn Malta u specifikatament fit-Tunezija".

32. In kontro-ezami x-xhud qal li meta r-Rikorrent mar it-Tunezija, xoghlu ghamlu. Fuq domanda dwar ix-xoghol f'Malta u fit-Tunezija x-xhud qal li ma kienx kaz li zzarma knisja u tibni ohra. Ix-xoghol tar-Rikorrent f'Malta kien jibqa', izda b'assistenza kemm f'Malta kif ukoll fit-Tunezija. Fit-Tunezija kellu jkun responsabbli mill-*overseeing* tal-istores b'nies qed jitharrgu hemmhekk.

33. Mistoqsi jekk ir-Rikorrent harigx b'xi kontro-proposta, x-xhud qal li r-reazzjoni tieghu kienet l-ittra. Dwar il-kaz prezenti hu kien mgharraf il-hin kollu x'kien qed jigri.
34. Mistoqsi ghala flok ir-Rikorrent ma baghtux lil Rachel Zammit li kienet *pres a poco* tal-livell organizzattiv tieghu, wiegeb li r-Rikorrent kien wiehed mill-*management* u hekk hassew li kellhom jaghmlu. Kien kumpliment li qalu lir-Rikorrent, u mhux xi forma ta' kastig. Hu kellu aktar esperjenza fil-kumpanja mill-ohra.
35. <u>Peter Borg</u> ilu 22 sena Managing Director ta' Bortex, wara karigi ohra. Lir-Rikorrent kien jafu bhala haddiem *part-time* f'lukanda u kien hu li rrikmandah ghal mall-Bortex. Maz-zmien il-Bortex bdiet tixtri l-materjal hi u mhux ituhulha l-klijenti u r-Rikorrent, ftit ftit, tela' sa *purchasing manager* ta' diversi affarijiet.
36. Ix-xhud spjega l-esigenzi li geghlu lill-kumpanija tirristruttura (li kien jehtieg safar, ecc) u hawn issir riferenza ghal dak li ga ntqal u anke ghax-xhieda propja ta' Peter Borg. Qal li r-Rikorrent kellu lat pozittiv u lat negattiv. Dwar tal-ewwel, ir-Rikorrent kien jiggieled hafna ghall-kumpanija. Fix-xiri, kien qisu qed jixtri ghalih inniffsu. Fil-lat negattiv, ir-Rikorrent kien ikollu problemi ma' hafna nies: *supplier* bi klijenti xi drabi nvoluti; *managers* u wisq izjed ma' dawk ta' tahtu. Hawn issir riferenza ghal dettalji fix-xhieda. B'danakollu baqa' ghaddej sa ma sar responsabbli mix-xiri kollu taghhom. F'xi zmien ried jitlaq ghax hass li kellu wisq pressjoni izda waslu f'kompromess billi raga ha l-*fabrics* biss u dana bla ma ntmisslu s-salarji avolja naqaslu x-xoghol.
37. Hu kien isiefer hafna lejn ic-Cina u ghal fieri tal-materjal u anke ghat-Tunezija. Mbaghad wasal iz-zmien ta' meta mxew sew lejn it-Tunezija u zdied is-safar ghal hawn u x-xhud ta dettalji li wiehed isibhom fix-xhieda ta' Lino Spiteri li ga ssemmew dwar ir-rifjut tar-Rikorrent li jmur it-Tunezija u jiehu hsieb l-istores t'hemhekk. Hawn saret riferenza ghall-*email* b'kummenti kontra t-Tunezini. Ix-xhud u Joe Cachia iltaqghu mar-Rikorrent u qalulu li messu jisthi jibghat dak li kiteb dwar il-haddiema taghhom fit-Tunezija. Qallu li ried jahseb li kienet xi haga bl-ghaggla u kienu anke hasbu biex lir-Rikorrent jipprovdulu ghajnuna f'Malta biex anke jonqsu z-zjarat tieghu fit-Tunezija. Ma riedx jisma'.
38. Ix-xhud kien qal lir-Rikorrent li jekk jibqa' jinsisti fl-attitudni tieghu seta jkun hemm xi konsegwenzi. Wiegbu: aghmel int. Hawnhekk saret riferenza ghall-*email* datata 5.12.11 ntitolata *Resignation note.* Hallew zmien jghaddi biex jaraw ir-Rikorrent jergax jahsibha u forsi anke jkellmuh shabu. Gie nnotat li r-Rikorrent ma marx ghad-*drinks* ta' qrib il-Milied. Wara mar ir-Rikorrent ikellmu u x-xhud qallu jhalli l-festi jghaddu u wara jitkellmu u jsibu soluzzjoni izda r-Rikorrent qallu li ma kienx ser jibdel xi virgola minn dak li kien qal. Fl-ahhar gurnata maghhom baghtilhom *email* dwar bicca negozju u qalilhom kemm kien frankalhom flus. Wiegbu billi rringrazzjah u qallu jmorru jiehdu kafe' flimkien izda ghal din l-istedina ma kienx hemm reazzjoni.
39. Wara t-tluq tar-Rikorrent mar fit-Tunezija Lino Desira li harreg Tunezina ta' xi 23 sena u kollox miexi. Hawn gew esebiti 5 ritratti. DOK TF 1 sa 5.

40. Fl-udjenza tas-27.11.2012 xehed Joe Cachia, *sales and marketing director* li kien jahdem mal-Bortex mis-sena 1979. Fix-xhieda tieghu ftit li xejn hemm izjed milli qalu Lino Spiteri u Peter Borg hlief xi dettalji. Ghalhekk issir riferenza diretta ghax-xhieda tieghu u hawn jissemmew xi punti biss. Semma membri tal-*management* li meta kien jixhed kienu assenjati dmirijiet fit-Tunezija. Esebixxa, bhala Dok TV 1-4 u 6-7 listi ta' safar li sar mill-impjegati tal-Bortex kull sena – inkluz ir-Rikorrent.
41. Bhala Dok TV5 esebixxa l-istorja tal-impjieg tar-Rikorrent sa ma dan intemm fid-9 ta' Frar, 2012. Hawn ukoll deskrizzjoni tal-hidma tar-Rikorrent: tkellem ukoll dwar il-karattru tar-Rikorrent u x'incidenti li nqalghu fil-kors tal-impjieg. Meta jaghmlu sejha ghall-impjieg jghidu li s-safar hu parti integrali mill-hidma. Ma tistax "timpjega nies fejn *they pick* fejn isiefru u anke isiefrux jew le." Fil-kas tar-Rikorrent, fir-rigward tat-Tunezija "*he was adamant not to go, notwithstanding,* ippruvajna nikkonvincuh." Qal: "lanqas bniedem li jkun ilu sena jew sentejn ma tridu jitlaq, ahseb u ara bniedem ta' esperjenza ta' 21 sena".

## III KONSIDERAZZJONIJIET

42. It-TRIBUNAL qed jghaddi biex jikkonsidra u jaghrbel il-kaz li ghandu quddiemu wara li fela x-xhieda migjuba u wara li qies is-sottomissjonijiet verbali u n-NOTI taz-zewg nahat li, jistqarr, sab fihom ghajnuna kbira ghax maghmula b'kopjozita'.
43. Hu maqbul li:
    - i) Ir-Rikorrent baghat ir-rizenja tieghu fil-5 ta' Dicembru 2011 u l-ahhar jum li hadem mall-kumpanija kien fid-9 ta' Frar, 2012.
    - ii) Ir-Rikorrent qed jallega li dan tieghu kien *constructive dismissal* u l-kumpanija tichad dan.
44. Il-principju legali li fl-isfond tieghu irid jitqies dan il-kaz hu li min jallega jrid jipprova. Meta sta ghar-Rikorrent li jgib il-prova. Il-kaz wiehed irid ihares lejh b'mod oggettiv. Meta nghidu *constructive dismissal* nifhmu li ghalkemm mad-daqqa t'ghajn l-impjegat ikun telaq, irrizenja hu, fil-fatt dan il-pass ikun rizultat tal-fatt li min ihaddem ikun, irragjonevolment, pogga lill-haddiem daru mall-hajt sal-punt li dan ma kellux triq ohra hlief dik li jitlaq,. Ma jkunux kwistjonijiet frivoli izda serji sew. F'cirkostanza bhal din it-tmiem tal-impieg ma jkunx tassew pass volontarju izda effettivament ikun min ihaddem li wassal lill-impjegat li jirrizenja.
45. Ir-Rikorrent kien dahal mall-kumpanija 21 sena qabel. Hu kellu biss edukazzjoni sekondarja u beda bhala clerk. Minhabba s-sens ta' inizjattiva tieghu u ghax kien, kif nghidu "mohhu hemm" baqa tiela' l-iskaluni sa ma sar *Purchasing Manager*. Ma kien involut ebda kuntratt ta' xoghol. Fin-NOTA tieghu, il-konsulent legali tar-Rikorrent osserva li mix-xhieda johrog dan mis-Superjuri tieghu fir-rigward tar-Rikorrent:
    a. **Peter Borg**: kien jissielet ghall-kumpanija qisu qed jissielet ghalih innifsu

b. **<u>Joe Cachia</u>**: habrieki, bniedem pro-active u ovvjament b'dik l-esperjenza sa ddur fuq xi hadd li sa jtik ir-rizultat.
c. **<u>Lino Spiteri</u>**: kien jati kontribut tajjeb, dejjem kien jati kontribut tajjeb.

Dawk il-persuni li taw dan ic-certifikat huma precizament Peter Borg, Managing Director; Joe Cachia, Sales and Managing Director; Lino Spiteri li kien *Chairman*, mhux *executive* izda li kien jiddedika xi 20 siegha fil-gimgha lill-kumpanija u kien izomm ruhu nfurmat b'dak li jkun ghaddej.

46. Issa hawn irridu nduru ghal realta' ohra li kienet tfisser is-salvazzjoni jew l-gharqa tal-kumpanija. Kumpanija li thaddem mijiet ta' nies. Din il-kumpanija tat-tessuti, fil-kontest tas-suq globali li dejjem jiccaqlaq u li jitlob aggustament konformi ma' din ir-realta'. Il-kumpanija htigielha l-ewwel ticcaqlaq lejn ic-Cina u wara tmur lejn it-Tunezija. Wiehed jista' jiddeskrivi l-pozizzjoni bhala li l-qalb tibqa' Malta u l-bqija tal-gisem imur it-Tunezija. Bil-haddiema, minn fuq s'isfel iridu jaddattaw ruhhom ghal dan.
47. Dan kien jimplika safar frekwenti. Kollox rizultat ta' decizjoni mhux kapriccuza jew biex semplicement il-Bortex tikber imma decizjoni vitali biex il-Bortex tibqa' fil-wicc. Id-Dok TV 1-4 u 6-7 jatu lista ezawrjenti ta' safar matul is-snin u dana fir-rigward tad-diversi mpjegati f'kategoriji differenti inkluz ir-Rikorrent.
48. Jirrizulta li r-Rikorrent ma sabx oggezzjoni ghas-safar lejn ic-Cina u ghall-bidu anqas lejn it-Tunesija. Meta izda l-operazzjoni tal-Bortex fit-Tunezija zdiedet allura r-Rikorrent oggezzjona ghas-safar tieghu. Fil-verita' l-oggezzjoni kienet fuq zewg linji:
    a. Zdiedlu wisq xoghol
    b. Ma kellux grazzja (it-TRIBUNAL ipoggiha bil-pulit) mat-Tunesija.

    Imma t-TRIBUNAL iqis li din it-tieni raguni kienet dik vera li gieghlet lir-Rikorrent jitfa r-rizenja tieghu.
49. Fl-*email* tieghu datata 29 ta' Novembru, 2011 ir-Rikorrent fisser hekk l-oggezzjonijiet tieghu:-

*After spending a whole week on site, I must confess that I am not in a position to handle this assignment going forward.*
*My 2 major reasons resulting to my conclusion are as follows:*
1. *This job is very intensive, very detailed and very time consuming. As you know my concurrent job is already overloaded. I am putting a lot of extra hours and in spite of introducing new systems and procedures, I still feel that I am still not giving my full service to the various areas that I am connected to.*
   *So this added duty is surely something which I cannot handle as I noticed that there is so much into it that it is more than a full time job.*
   *I am more than sure that I can never ever handle 2 such heavy weights. This is not a healthy and acceptable decision for our company to have 2 such important areas not being given the appropriate full attention.*

*The way I see it is that I will surely fail in both fields at the same time as it is humanly impossible for me to handle within my limits and standards.*

2. *I personally never fancied Tunisia as a country or its people.*
   *Such a stores duty definitely needs my physical presence on the spot.*
   *I am not willing to do this; I am a very organized and self-disciplined person and I simply cannot accept to live in such a dirty environment along with people who surely cannot fit with my way of thinking and behaviour.*
   *Each time I visit the place I get mentally, emotionally and physically sick.*
   *I feel insulting my own self and downgrading my very own living status.*
   *Sorry but I cannot accept such a situation at all cost*

50. Meta rcieva din l-*email* il-*Management* hadha b'hasda. Iltaqghu l-ghada u dwar l-ewwel ilment ippruvaw mill-ewwel jikkoperaw billi r-Rikorrent ikollu ghajnuna li kienet tfisser tnaqqis fil-frekwenza taz-zjarat tieghu fit-Tunezija. Imma dwar it-tieni raguni ma sata jsir xejn. Kif tista tasal ma' min jghidlek **solennement** "*I personally never fancied Tunisia as a country/its people?*" U li: *each time I visit this place I get mentally, emotionally and physically sick?*
51. Hawn huma flokhom zewg osservazzjonijiet:-
    i) Il-haddiema l-ohra tal-Bortex li marru u qed imorru t-Tunezija, ma sabux u ma hassewx din ir-ributtanza kollha fil-konfront ta' *Tunisia as a county/its people* imma kollha baqghu ghaddejjin, fl-interess tal-kumpanija u taghhom.
    ii) Ma ngiebux xi certifikati mill-professjonisti fil-materja li juru xi danni fis-sahha tar-Rikorrent fl-aspetti differenti ta' sahhtu.
52. Ta min jinnota li l-kumpanija ghamlet kemm setghet biex tasal fi ftehim mar-Rikorrent izda dan ma riedx jiccaqlaq pulzier. Ma ridx jersaq izjed lejn it-Tunezija. Il-kumpanija setghet taccetta dan? Zgur li le. Il-kumpanija ma setghetx iccedi d-dritt u d-dover taghha li tmexxi hi. Ma setghetx tbaxxi rasha ghal dak li ddecieda mpjegat taghha, hi x'inhi l-pozizzjoni tieghu.
53. Il-kumpanija, rikonoxxenti lejn il-hila u lejn is-sens tad-dedikazzjoni li kellu r-Rikorrenti, flok ma qabdet u qattghet il-karti mieghu x'hin irceviet l-*email* tad-29 ta' Novembru, 2011 segwita bir-rizenja, ppruvat tasal f'arrangament. Sahansitra r-Rikorrent ghazel il-jum li fih mar l-ahhar darba ghax-xoghol. Imma l-Kumpanija ma setghetx tbaxxi rasha ghal dak li ried ir-Rikorrent fir-rigward tat-Tunezija. Kieku dak li qal ir-Rikorrent dwar it-Tunezija u niesha kellu jiccirkola fit-Tunezija kienet issir hsara lill-Bortex mhux il-ftit ghax kienu jkunu affettwati ir-relazzjonijiet bejn haddiema Maltin (u mhux Maltin) mall-haddiema Tunezini.

IV DECIZJONI

In vista ta' dak kollu mfisser hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi **jichad** dak li talab ir-Rikorrent ghax dan ma kienx kas ta' *constructive dismissal* izda kaz ta' rizenja ngustifikata min-naha tar-Rikorrent.

Spejjes a kariku tar-Rikorrent.

Ghall-finijiet ta' taxxa u drittijiet it-TRIBUNAL INDUSTRIJALI jiffissa s-somma ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax il-centezmu (€93.17c)

(Iffirmat)
Av. Yana Micallef Stafrace
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**(Ghas-Segretarju)**